DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**S**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2019**

## ID-DISA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI*)

L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ____________

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki jidhru bejn il-parentesi jew fl-aħħar ta' kull taqsima.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| EkoSkola | fir-riżors uman | Università tat-Terza Età | il-lingwa | Jobsplus |
| valuri | il-Ġnus Magħquda | il-kultura | l-Imnarja | il-paċi |

1. ________________________ hi għaqda li taħdem favur ċittadinanza globali hi.
2. ________________________ tipiċi Maltin huma s-solidarjetà u l-ġenerożità.
3. ________________________ toffri taħriġ u għajnuna lil min ikun qed ifittex xogħol.
4. ________________________ hi festa tradizzjonali Maltija.
5. Malta tagħti sehemha biex issaħħaħ ________________________ fil-Mediterran.
6. ________________________ tinfluwenza l-mod kif nilbsu, kif nitkellmu u x'tip ta' ikel nieklu.
7. Meta tħarreġ lill-ħaddiema tkun qed tinvesti ________________________.
8. Tista' tibqa' titgħallem anki meta ssir anzjan billi tattendi l-________________________.
9. Bl-għajnuna tal- ________________________ nieħdu ħsieb l-ambjent tal-iskola.
10. ________________________ hi waħda mill-elementi kulturali li jiddistingwu poplu minn ieħor.

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima B: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. Kontinwità kulturali sseħħ meta
   a. jidħlu elementi minn kulturi oħra
   b. jinbidel kollox mill-kultura
   c. kultura żżomm elementi partikolari li jkunu ilhom s-snin

2. Trażmissjoni tal-kultura sseħħ permezz
   a. tad-demokrazija
   b. tas-soċjalizzazzjoni
   c. tal-migranti

3. Xi eżempji ta' drawwiet tipiċi Maltin huma
   a. Halloween u r-Regatta
   b. l-quċċija u r-Regatta
   c. l-Imnarja u 'baby showers'

4. Koeżjoni soċjali sseħħ meta kull individwu
   a. jħossu parti integrali mill-komunità
   b. jkollu saqaf fuq rasu
   c. jsib xogħol

5. Ċittadin globali huwa
   a. membru ta' familja
   b. membru ta' għaqda
   c. membru tad-dinja

6. Iż-żgħażagħ ikunu ċittadini globali billi jagħrfu
   a. l-qagħda ekonomika, politika u ambjentali dinjija
   b. pajjiżi differenti madwar id-dinja
   c. l-irwol ta' Malta fl-Unjoni Ewropea

7. Eżempji ta' valuri universali huma
   a. ikel, paċi u ġustizzja
   b. mħabba, paċi u ġustizzja
   c. mħabba, paċi u logħob

8. Permezz tal-eTwinning, l-istudenti
   a. jagħmlu studju fuq it-tewmin
   b. jmorru għall-btala f'pajjiż Ewropew
   c. jiltaqgħu onlajn ma' studenti minn pajjiżi differenti

9. Diversità kulturali sseħħ meta pajjiż ikun
   a. multikulturali
   b. monokulturali
   c. bla kultura

10. Ġrajja li fiha Malta tat kontribut għall-paċi fil-Mediterran hi
    a. l-involviment ta' Malta fil-kunflitt tal-Libja
    b. l-attivitajiet tal-V18
    c. l-elezzjonijiet tal-Membri Parlamentari Ewropej (MEP's)

**(2 marki x 10 = 20 marka)**

**Taqsima C: Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

Qatt ma ħsibt li se nerġa' mmur lura l-iskola wara li għalaqt l-erbgħin sena, però dak hu li għamilt u qed jogħġobni. Jien Yvette – mara miżżewġa, omm u mara b'karriera. Biex nilħaq bilanċ bejn il-ħajja tad-dar, fuq il-post tax-xogħol u l-istudju, hija iebsa ħafna iżda bis-sapport ta' kulħadd kollox hu possibbli.

Aċċertajt ruħi li għamilt l-għażla t-tajba meta waqt li qed nispjega lit-tifel tiegħi ta' għaxar snin li kont se nerġa' nidħol l-Università, hu staqsieni jekk jistax jiġi jarani niggradwa. Dak il-ħin indunajt li ma kienx biss importanti li nilħaq l-għanijiet u l-ħolm tiegħi, iżda kien importanti wkoll li t-tifel jarani nwettaq dan il-ħolm biex ninkoraġġih li hu jista' jwettaq tiegħu wkoll.

Silta addattata minn: https://www.uregina.ca/cce/testimonials/cpd-testimonials/yvette-story.html

1. Spjega l-frażi **edukazzjoni tul il-ħajja**.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

2. Għaliex l-edukazzjoni hija meqjusa bħala dritt bażiku tal-bniedem?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

3. Bħala żagħżugħ/a semmi **tliet** benefiċċji li qed tieħu mill-edukazzjoni obbligatorja.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (6)

4. Fl-opinjoni tiegħek, pass bħal ta' Yvette li tkompli bl-edukazzjoni tul il-ħajja hija importanti? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4)

5. Semmi **tliet** metodi kif persuna tista' tkompli bl-edukazzjoni tul ħajjitha.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (6)

6. F'madwar 30 kelma, spjega r-rabta bejn l-edukazzjoni tul il-ħajja u t-titjib fir-riżorsi umani fuq il-post tax-xogħol.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5)

7. Agħti **żewġ** eżempji ta' programmi edukattivi li jistgħu jibbenefikaw minnhom iż-żgħażagħ.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

8. Semmi **żewġ** gruppi ta' nies li fl-opinjoni tiegħek ibatu ħafna biex isibu xogħol.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

**(35 marka)**

**Taqsima D: Ikteb paragrafu ta' madwar 130 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. In-normi u l-valuri tas-soċjetà jinbidlu maż-żmien. Iddiskuti.

2. L-iżvilupp tar-riżorsi umani f'Malta f'dawn l-aħħar ħamsin sena.

3. B'referenza għal **żewġ** proġetti li jseħħu fl-iskola, spjega kif dawn qed jgħinu biex l-istudenti żgħażagħ ikunu ċittadini globali.

**(25 marka)**

**Total: 100 marka**